MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 9/2023 LM

**Vipul Kummar Manubhi Vipul [ID 0217709A]**
**kif korrett b'digriet tad-19 ta' April, 2023**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Vipul Kummar Manubhi Vipul [ID 0217709A]**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tal-20 ta' Jannar, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrent fir-rigward tad-deċiżjoni meħuda mill-intimata **Identity**

**Malta Agency** [hawnhekk 'l-appellata'] fis-26 ta' Jannar, 2022, kien *fuori termine,* u għalhekk ma ħa l-ebda konjizzjoni tiegħu.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent huwa ċittadin Indjan, li flimkien ma' martu kien qiegħed jgħix u jaħdem hawn Malta abbażi ta' Permess Uniku ta' Xogħol. Fl-14 ta' April, 2021, ir-rikorrent ġie infurmat li l-impjieg tiegħu ma' Clean & Care Limited kien qiegħed jiġi tterminat, u dan għaliex kienet għadha kif faqqgħet il-pandemija, bosta postijiet pubbliċi kienu magħluqa, u r-rikorrent, li xogħlu kien jinvolvi t-tindif tal-lukandi, spiċċa mingħajr xogħol. Ir-rikorrent qal li huwa ppreżenta appell quddiem il-Bord fit-3 ta' Mejju, 2021, mingħajr ma speċifika dan l-appell x'kien jinvolvi jew għal liema raġuni sar, iżda dan l-appell ġie irtirat minnu fl-1 ta' Ottubru, 2021, wara li kien irnexxielu jsib impjieg ieħor. Qal li l-impjieg ġdid kien mal-kumpannija Thermoplastics Limited f'Awwissu tal-2021, u d-diriġenti ta' din il-kumpannija kienu infurmawh li huma kienu ser jieħdu ħsieb l-applikazzjoni tiegħu għall-permessi neċessarji. Ir-rikorrent qal li huwa beda jirċievi s-salarju minn din il-kumpannija li bdiet timpjegah b'mod regolari, iżda għal xi raġuni, l-applikazzjoni tiegħu mal-intimata ntbagħtu minn din il-kumpannija f'Diċembru tal-2021, minkejja li l-impjieg tiegħu kien beda f'Awwissu tal-istess sena. F'Jannar tal-2022, huwa ġie infurmat li l-applikazzjoni li saret f'ismu kienet ġiet irrifjutata. Ir-rikorrent spjega li hu u martu t-tnejn jinsabu f'Malta, fejn għandhom wild bejniethom, u għalhekk is-sitwazzjoni li huwa sab ruħhu fiha ħolqitilhom inkwiet kbir.

3. L-intimata Identity Malta Agency wieġbet għal dan l-appell tar-rikorrent, billi qalet li d-deċiżjoni tagħha fil-konfront tar-rikorrent ingħatat fis-26 ta' Jannar, 2022, iżda li l-appell tar-rikorrent ġie ippreżentat fit-12 t'April, 2022, u għalhekk kien *fuori termine.* L-intimata qalet ukoll li r-rikorrent naqas milli jispjega f'liema data huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-intimata, u għalhekk l-appell tar-rikorrent għandu jitqies li huwa wieħed null. Qalet li jekk il-Bord jiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex jikkonsidra l-mertu tal-appell tar-rikorrent, xorta waħda hemm biżżejjed raġunijiet fil-mertu għalfejn l-appell tar-rikorrent għandu jitqies li huwa null. Spjegat li hija bagħtet l-ittra ta' rifjut fis-26 ta' Jannar, 2022, skont l-artikolu 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, fejn infurmatu li l-applikazzjoni tiegħu ma setgħetx tiġi milqugħha peress li huwa ma kienx residenti f'Malta legalment. Qalet ukoll li r-rikorrent kien ingħata Permess Uniku abbażi tal-impjieg tiegħu mal-kumpannija Clean & Care Limited, u l-perijodu ta' validità ta' dan il-permess kien bejn l-14 ta' Ottubru, 2020 u l-14 ta' Ottubru, 2021. Spjegat kif l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat fl-14 ta' April, 2021, u għalhekk l-iskop li għalih kien ingħata l-Permess Uniku ma kienx għadu jissussisti wara din id-data. Qalet li minkejja li wara t-terminazzjoni tal-impjieg, hija tikkonċedi perijodu ta' għaxart ijiem lill-applikant sabiex dan jirregolarizza l-qagħda tal-immigrazzjoni tiegħu f'Malta billi jsib impjieg alternattiv u jissottometti applikazzjoni ġdida, ir-rikorrent naqas milli jagħmel dan. Qalet li dan ir-rimedju huwa spjegat fuq il-*website* ta' Identity Malta, li hija aċċessibbli għall-pubbliku in ġenerali. Qalet ukoll li r-rikorrent naqas milli jissottometti applikazzjoni ġdida jew applikazzjoni għal *change of employer* fi żmien l-għaxart ijiem konċessi, u għalhekk dan ma kienx għadu jgawdi minn *status* legali f'Malta. Spjegat li wara li r-rikorrent daħħal applikazzjoni ġdida għal Permess

Uniku fil-15 ta' Ġunju, 2021, kien huwa stess li irtira din l-applikazzjoni fil-11 t'Awwissu, 2021. Spjegat li r-rikorrent daħħal applikazzjoni ġdida għal Permess Uniku fis-7 ta' Diċembru, 2021 taħt il-proċedura tal-Permess Uniku kif regolata bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u għalhekk kien hemm perijodu ta' aktar minn seba' xhur bejn id-data li fiha ġie tterminat l-impjieg li kellu, u d-data meta r-rikorrent ppreżenta applikazzjoni ġdida. Qalet ukoll li minflok kien hemm rifjut awtomatiku tal-applikazzjoni tar-rikorrent, sar eżerċizzju fejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ntalab jikkonsidra l-i*status* tar-rikorrent, iżda wara li saru l-verifiki neċessarji, ġie deċiż li l-applikazzjoni tar-rikorrent għandha tiġi rifjutata. Qalet li huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Jannar, 2023, il-Bord iddeċieda li l-appell ippreżentat mir-rikorrent kien *fuori termine,* u għalhekk m'għandha tittieħed l-ebda konjizzjoni ulterjuri tiegħu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***A. <u>Preliminary</u>***

*The Board:*

- *Saw that in virtue of a decision dated 26th January, 2022, Identity Malta Agency stated that when, on 7th December, 2021, the appellant applied for a Single Permit, in virtue of S.L. 217.17, he was not in a state of compliance with Regulation 8(1) of S.L. 217.17;*
- *Saw that an appeal was registered on 12th April, 2022; and*
- *Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 17th June, 2022.*

***B. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that in the appeal, the appellant does not allege that he received the Agency's decision on a date other than 26th January, 2022. He does not allege, for example, that he received the Agency's decision far later than 26th January, 2022. The appellant failed to explain why he filed his appeal on 12th April, 2022, which was well beyond the time limit of three working days stipulated by Art. 25A of the Immigration Act.*

*As there is no indication that the appellant received the Agency's decision on some later date and as the appellant failed to explain why he filed his appeal over a month after the appealed decision was issued, the Board has no choice but to declare the appeal* fuori termine.

***C. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board declares the appeal* fuori termine, *and declines to take further cognisance thereof.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

5. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fis-27 ta' Jannar, 2023, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Bord fl-20 ta' Jannar, 2023, jew tordna li l-appellant jerġa' jingħata l-fakoltà li japplika għal *Single Permit* ġdid, u Identity Malta Agency tiddeċiedi din l-applikazzjoni fl-aqsar żmien possibbli, jew inkella tordna lill-Bord jisma' dan il-każ fil-mertu entro perijodu qasir.

6. L-appellant spjega li fl-ittra mibgħuta lilu fis-26 ta' Jannar, 2022, huwa ġie infurmat li kellu jitlaq miż-Żona Schengen, u fl-istess ittra ma kienx hemm speċifikat li huwa kellu dritt jappella mid-deċiżjoni fi żmien tliet ijiem, kif jiġri fil-każijiet l-oħra, u dan sabiex l-ittra tkun tirrifletti dak li tgħid id-Direttiva 2011/98/UE tat-13 ta' Diċembru, 2011. Qal li dan huwa nuqqas serju u jikser il-

prinċipju ta' *equal treatment* li għandhom igawdu l-ħaddiema kollha li jaħdmu fl-Unjoni Ewropea. Qal li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 tagħti dan id-dritt lill-ħaddiema kollha li jkollhom is-*Single Work Permit* rifjutat. L-appellant qal li l-artikolu 8(2) tal-istess Direttiva jispjega l-proċeduri garantiti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi rigward deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet tagħhom, fejn aġenziji bħal ma hija Identity Malta għandhom l-obbligu li jiggarantixxu ċerti proċeduri meta jkun hemm rifjut. L-appellant għamel riferiment għall-artikolu 8(2) tad-Direttiva, u qal li huwa ċar li meta jkun hemm rifjut, fl-ittra mibgħuta lill-applikanti għandu jitniżżel li hemm dritt ta' appell, lil liema entità amministrattiva jew Qorti għandu jsir dan l-appell, kif ukoll kemm huwa twil it-terminu tal-appell. Qal li l-ittra mibgħuta lilu għalhekk hija difettuża u nulla għaliex ma kinitx konformi mal-liġi tal-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri garantiti lill-applikanti għal Permess Uniku. Qal li l-intimata għandha l-obbligu skont il-liġi li tinforma lill-applikant bir-raġuni għar-rifjut, kif ukoll bid-dritt tal-appell, bit-terminu għall-appell u bil-lok fejn wieħed irid jappella. L-appellant qal li għalhekk li huwa l-obbligu ta' min jiffirma u jikiteb dawn l-ittri li jniżżel l-għażliet li għandu l-applikant skont il-liġi ta' Malta u tal-Unjoni Ewropea, u f'ċirkostanzi simili jew identiċi għal tiegħu, applikanti oħra ġew mgħarrfa b'dan id-dritt u bit-terminu li fih iridu jappellaw. L-appellant qal li minħabba f'dan in-nuqqas ta' Identity Malta Agency, qatt ma jista' jingħad li l-appell tiegħu kien *fuori termine,* u dan għaliex fl-ittra li ntbagħtet lilu huwa qatt ma ngħata indikazzjoni ta' kemm huwa twil it-terminu tal-appell.

7. L-appellant qal li l-unika triq li huwa ġie mgħarraf li għandu jieħu hija t-triq li twasslu lejn l-ajruport, għaliex intalab jitlaq miż-Żona Schengen. Qal ukoll

li l-Bord maħtur biex jirrevedi dat-tip ta' każijiet, naqas meta ma ħax konjizzjoni tal-fatt li l-ittra kienet difettuża u bi vjolazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea dwar proċeduri u garanziji relatati mal-Permess Uniku għal Xogħol, u ma kompliex jaqta' u jiddeċiedi l-każ fil-mertu.

8. L-appellant qal li għalhekk l-ittra tas-26 ta' Jannar, 2022 maħruġa minn Identity Malta hija difettuża, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord għandha titqies li hija nulla u bla effett skont il-liġi, għaliex ma tirrispettax id-Direttiva 2011/98/UE. Qal li l-Bord naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatt li l-ittra ta' rifjut kienet difettuża, u qabad u ddeċieda mingħajr ma ħa konjizzjoni tal-mertu tal-każ. Qal ukoll li ladarba l-ittra mibgħuta lilu hija difettuża, huwa m'għandux isofri aktar żmien sabiex il-każ tiegħu jinstema' mill-ġdid fuq il-mertu. Qal li huwa ilu aktar minn sena u nofs bla xogħol jistenna deċiżjoni, u issa ser ikollu jistenna aktar għaliex id-deċiżjoni li ngħatat fil-konfront tiegħu kienet difettuża. Qal ukoll li dan id-dewmien żejjed huwa bi ksur tad-drittijiet fundamentali dwar it-trattament ugwali tal-ħaddiema li jaħdmu f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, u li jagħmlu li jistgħu biex jagħtu servizz f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea.

9. L-appellant qal li l-Bord jisma' l-kawżi li jkollu quddiemu fil-magħluq, u dan bi ksur tal-prinċipju *audi alteram partem.* Qal li x-xhieda elenkati mill-applikant mhumiex jinstemgħu, u l-applikant ma jingħatax kopja tar-risposta ta' Identity Malta fil-proċeduri li jsiru quddiem il-Bord. Qal ukoll li persuna li jressaq appell quddiem il-Bord għandu dritt jixhed *viva voce,* jara r-risposta tal-kontro-parti, u jtella' xhieda, iżda fil-każ odjern dan ma sarx. L-appellant qal li t-terminu impost bl-artikolu 25(7) tal-Kap. 217 ma ġiex indikat lilu fl-ittra tas-26 ta'

Jannar, 2022, u għalhekk l-appell tiegħu ma setax jitqies li huwa *fuori termine.* L-appellant żied jgħid li bordijiet amministrattivi bħal ma huwa l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, huma mwaqqfa sabiex jirrevedu deċiżjonijiet ta' aġenziji tal-Gvern, li huma effettivament *quasi judicial bodies,* li għandhom is-setgħat mogħtija lilhom bil-liġi sabiex jeżerċitaw l-istess setgħat li jaqgħu taħt il-kompetenza jew taħt il-ġurisdizzjoni tal-aġenzija meta jiġu biex jirrevedu l-każ. Qal li qegħdin jirriżultaw sitwazzjonijiet fejn min iħaddem qiegħed jisfrutta lil ħaddiema vulnerabbli li ma jingħatawx l-istess drittijiet bħall-ħaddiema lokali, kif ġara fil-każ odjern. Qal ukoll li skont l-artikolu 8(2) tad-Direttiva 2011/98/UE, min joħroġ ittra ta' rifjut għandu jiggarantixxi li fl-ittra mibgħuta jitniżżel li hemm dritt ta' appell, quddiem liema entità għandu jsir l-appell, kif ukoll kemm huwa twil iż-żmien għall-preżentata tal-appell.

10. L-appellant spjega ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, billi qal li huwa ilu jgħix f'Malta flimkien ma' martu u l-wild tiegħu għal dawn l-aħħar snin, fejn kien impjegat ma' Clean & Care Limited, iżda l-impjieg tiegħu ma' din il-kumpannija ġie tterminat f'April tal-2021. Qal li dan seħħ minħabba fl-effetti tal-pandemija, u minkejja li f'dak iż-żmien ftit li xejn kien hawn opportunitajiet ta' xogħol hawn Malta, hu u martu rnexxielhom isibu impjieg ftit wara. Qal li l-applikazzjoni ta' martu ġiet aċċettata, bħal ma ġiet aċċettata applikazzjoni ta' sieħbu fl-istess sitwazzjoni tiegħu, iżda huwa ġie żgwidat meta beda jaħdem mal-kumpannija Thermoplastics Limited u ntalab jirtira l-ewwel appell li kien intavola. Qal li meta rċieva l-ittra tas-26 ta' Jannar, 2022, huwa ħa xokk għaliex kien taħt l-impressjoni li kien qiegħed f'impjieg regolari, tant hu hekk li kien qiegħed iħallas it-taxxi u l-bolol relattivi. Qal li s-sitwazzjoni li jinsab fiha fil-preżent hija riżultat

tal-fatt li min kien qiegħed jimpjegah mas-soċjetà Thermoplastics Limited ma kienx edott mill-proċeduri għall-applikazzjoni tal-Permess Uniku. L-appellant qal li l-Qorti għandha tieħu konjizzjoni tal-fatt li huwa għandu dritt għal *family reunification* f'Malta, fejn għandu l-mara li taħdem regolarment, u wild.

11. L-appellant qal li wieħed irid jikkonsidra li skont l-artikolu 3(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.07, l-appellata għandha twettaq funzjonijiet u dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika f'materji li jirrigwardaw viżi, permessi ta' residenza u xogħol u materji amministrattivi oħra li jikkonċernaw persuni barranin, u għalhekk il-Bord għandu l-kompetenza biex jisma' u jiddeċiedi dwar appelli jew applikazzjonijiet *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-Att jew ta' regolamenti magħmula taħtu, jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra bħal ma hija l-liġi tal-Unjoni Ewropea. Qal li huwa ċar u manifest li dan l-appell għandu x'jaqsam ma' Permess Uniku tax-Xogħol, magħmul skont il-provvedimenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u l-Bord kellu l-kompetenza li jifli u jgħarbel dan l-appell u jagħti deċiżjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' viżi, permessi ta' residenza u xogħol. Qal li l-Bord jaqa' taħt il-mansjoni ta' *'quasi judicial bodies',* u għandu l-funzjoni li jaqta' u jiddeċiedi appelli skont il-liġi u b'ekwità. L-appellant qal li huwa ilu aktar minn sena u nofs bla xogħol, l-ewwel għaliex tkeċċa minħabba l-pandemija, u sussegwentement għaliex l-applikazzjoni li kien ippreżenta rigward l-impjieg mas-soċjetà Thermoplastics Limited, kellha ssir mill-ġdid. Qal li huwa ma kienx jaf li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà Thermoplastics Limited ma kienx regolari, għaliex kien qiegħed iħallas it-taxxa u l-bolla b'mod regolari. L-appellant qal li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi u meta wieħed

janalizza l-vjolazzjoni tad-Direttiva EU2011/98/UE, l-appell ippreżentat minnu ma jistax jitqies li kien tardiv.

**Ir-Risposta tal-Appell**

12. L-appellata wieġbet li l-appell magħmul mill-appellant huwa null u inammissibbli għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' dritt rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III. Qalet li l-appellant mhuwiex persuna li jaqa' taħt it-Taqsima III tal-Att ladarba ma jirriżultax li huwa ċittadin ta' Stat Membru u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Żiedet tgħid li jekk din l-eċċezzjoni preliminari tagħha tiġi miċħuda, din il-Qorti għandha tikkonsidra li l-Bord kien korrett meta ddikjara li l-appell tal-appellant kien *fuori termine.* Qalet li għandu jirriżulta li l-appellant ippreżenta l-appell tiegħu fit-12 ta' April, 2022 minn deċiżjoni tal-appellata tas-26 ta' Jannar, 2022, u minkejja li l-appellant ressaq sottomissjonijiet dwar il-fatti, huwa bl-ebda mod ma kkontesta d-data tan-notifika tal-appell, u lanqas ma spjega għal liema raġuni l-appell ġie ppreżentat ferm wara t-tliet ijiem tax-xogħol mogħtija bil-liġi. Qalet li għalhekk jirriżulta li l-Bord kien korrett meta kkonkluda li t-tliet ijiem ta' xogħol għall-preżentata ta' appell mid-deċiżjoni tal-appellata kienu skorrew, bir-riżultat għalhekk li l-appell kien *fuori termine.* L-appellata qalet li t-terminu għall-preżentata ta' appell huwa wieħed perentorju, u dan ma jistax jiġi estiż għall-ebda raġuni, lanqas fejn raġuni tista' titqies li hija valida.

13. B'riferiment għal-lanjanza tal-appellant li l-ittra mibgħuta minnha ma tirrispettax il-garanziji proċedurali tad-Direttiva 2011/98/UE, l-appellata qalet li l-proċedura tal-appell mhijiex il-proċedura idonea sabiex jiġi deċiż jekk it-trasposizzjoni ta' Direttiva saritx b'mod korrett fil-liġi nazzjonali. Qalet li l-appellata mhijiex parti mil-Leġislatura, iżda tifforma parti mill-Eżekuttiv tal-pajjiż, u għalhekk hija tenuta tapplika l-liġi kif inhi. L-appellata qalet li l-appellant bl-ebda mod ma qajjem quddiem il-Bord l-argumenti li qiegħed iqajjem quddiem din il-Qorti tal-Appelli, u kien jinkombi fuq l-appellant li jipprova l-każ tiegħu quddiem il-Bord, partikolarment għaliex dan imkien ma ċaħad li huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-appellata fis-26 ta' Jannar, 2022. L-appellata qalet illi li kieku l-appellant verament kien tal-fehma li d-deċiżjoni mibgħuta lilu ma kinitx valida, huwa kien jittenta jressaq sottomissjoni f'dan is-sens quddiem il-Bord, kif ukoll kien jipprova jressaq sottomissjonijiet dwar dan. Qalet li hija eċċepiet b'mod preliminari li l-appell kien tardiv, u għalhekk l-appellant kien jaf b'din il-kontestazzjoni tagħha, imma minkejja dan l-appellant ma ressaq l-ebda prova jew argument dwar dan l-aggravju. Qalet ukoll li din mhijiex xi prova li l-appellant ma setax iressaq quddiem il-Bord, għaliex tali prova kienet disponibbli għall-appellant meta dan ressaq l-appell tiegħu. L-appellata qalet ukoll li t-terminu tal-appell u l-mod kif wieħed għandu jappella joħorġu mil-liġi li hija aċċessibbli għal kulħadd, u li *ignorantia legis neminem excusat.* L-appellata qalet li minkejja li l-appellant ma ngħatax informazzjoni espliċita dwar il-mod kif seta' jappella, ma jirriżultax għal liema raġuni dan ħalla xahrejn u nofs jgħaddu qabel intavola l-appell tiegħu. L-appellata qalet li quddiem deċiżjoni fejn l-appellant ġie infurmat li huwa kellu jitlaq mill-pajjiż u li t-tkomplija tar-residenza tiegħu f'Malta kienet waħda illegali, huwa kien mistenni li jikkonsidra

din id-deċiżjoni b'mod urġenti u mhux jisfida l-ordni tal-appellata u jibqa' fil-pajjiż mingħajr ma jintavola appell. Qalet li barra minn hekk dan il-punt ma tqajjimx quddiem il-Bord, u l-appellant imkien ma qal li huwa sofra xi preġudizzju minħabba l-iżvista tal-appellata li ma indikatx d-dritt ta' appell fl-ittra bid-deċiżjoni tagħha. L-appellata qalet li kien jinkombi fuq l-appellant li jikkontesta quddiem il-Bord in-notifika li saritlu, iżda minflok, l-appellant, wara li ħa l-ħin tiegħu biex jissottometti appell, ma ressaq l-ebda argument dwar l-invalidità tad-deċiżjoni tal-appellata jew tan-notifika tagħha, iżda minflok aċċetta n-notifika kif saritlu. Qalet ukoll li l-artikolu 25A(1)(ċ) tal-Kap. 217, imkien ma jipprovdi għal proċedura fejn il-Bord għandu tassattivament jappunta l-kawża għas-smigħ, u fi kwalunkwe każ m'hemm l-ebda ħtieġa li l-Bord jiffissa seduta u jippermetti li jsiru sottomissjonijiet bil-fomm fi proċeduri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, għaliex huwa suffiċjenti li ż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunità li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom. L-appellata qalet li ladarba l-appellant kellu l-fakoltà li jressaq l-appell tiegħu, is-sottomissjonijiet tiegħu, u l-provi tiegħu fit-terminu mogħti mill-Bord, u dan l-appell ġie meqjus u deċiż mill-Bord, ma jistax jingħad li kien hemm nuqqas ta' smigħ xieraq. Qalet ukoll li lanqas ma jirriżulta li l-appellant talab li jkun hemm smigħ orali quddiem il-Bord, u lanqas ma spjega, imqar f'dan l-istadju, x'kienet il-kwistjoni daqstant kruċjali li kienet timmerita smigħ bil-fomm.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14 . Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata. Iżda qabel tgħaddi biex tikkonsidra

l-aggravji mressqa mill-appellant, il-Qorti sejra tagħmel id-deliberazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-appellata, li tgħid li r-rikors tal-appell tal-appellant huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217. L-appellata tgħid li ladarba l-appellant mhuwiex persuna li jaqa' taħt it-Taqsima III tal-Att, l-appell tiegħu mhux ammissibbli. L-artikolu 25A (8) jipprovdi li:

> "Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri)."

15. Il-Qorti mhijiex disposta li taċċetta din il-linja ta' argumentazzjoni tal-appellata, għaliex ma tistax tiddikjara li l-appell huwa null qabel ma teżamina jekk fil-fatt l-appellant huwiex qiegħed leġittimament fit-territorju ta' Stat marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni preliminari sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-appell imressaq mill-appellant.

16. L-appellant jgħid li huwa safa ppreġudikat għaliex fl-ittra mibgħuta lilu mill-appellata fis-26 ta' Jannar, 2022, huwa ma ġiex infurmat li għandu dritt ta' appell, jew li dan id-dritt ta' appell irid jiġi eżerċitat mill-applikant fi żmien tliet ijiem mid-data tad-deċiżjoni tal-appellata. Qal li dan huwa bi ksur ta' dak li tipprovdi d-Direttiva 2011/98/UE li ġiet trasposta fil-liġijiet Maltin permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u għalhekk l-ittra mibgħuta lilu hija difettuża u nulla għaliex mhijiex konformi mal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

17. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li l-artikolu 8(2) tad-Direttiva 2011/98/UE jispeċifika illli:

> "Deċiżjoni ta' ċħid tal-applikazzjoni għall-ħruġ, l-emendar jew it-tiġdid, jew ta' irtirar, ta' permess uniku għandha tkun miftuħa għal kontestazzjoni legali fl-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-liġi nazzjonali. In-notifika bil-miktub imsmemija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-qorti jew l-awtorità amministrattiva fejn il-persuna kkonċernata tista' tippreżenta appell, u l-limitu ta' żmien għalih."

18. Ta' min ifakkar li kuntrarjament għar-Regolamenti li joħorġu mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, id-Direttivi tal-UE għandhom l-għan li jservu bħala linji gwida għall-Istati Membri, u l-Istati Membri mhumiex obbligati li japplikawhom jew li jittrasponu d-Direttivi kelma b'kelma fil-liġijiet tagħhom. L-artikolu 20 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 li ttrasponiet l-imsemmija Direttiva, jgħid hekk:

> "(1) Id-Direttur għandu jagħti raġunijiet, fin-notifiki msemmija fir-regolament 15, meta jiċħad applikazzjoni biex joħroġ, jemenda jew iġedded permess uniku jew meta tittieħed deċiżjoni biex jiġi irtirat permess uniku.
>
> (2) Fejn id-Direttur ikun ċaħad applikazzjoni għall-ħruġ, l-emendar jew it-tiġdid ta' permess uniku jew li rtira dan il-permess, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkollu dritt ta' appell quddiem il-Bord."

19. Għaldaqstant, il-Leġislazzjoni Sussidjarja imkien ma tgħid li fl-ittra maħruġa mill-appellata bid-deċiżjoni tar-rifjut, għandu jiġi speċifikat, taħt piena ta' nullità, kemm huwa l-limitu ta' żmien li fih għandu jiġi intavolat l-appell. Ma jistax jingħad għalhekk li l-ittra mibgħuta mill-appellata hija difettuża jew nulla għaliex ma tispeċifikax li l-appell irid isir fi żmien tliet ijiem mid-data tad-deċiżjoni tal-appellata. Min-naħa l-oħra, huwa evidenti li l-appellant ħalla

perijodu ta' żmien twil wisq jgħaddi qabel ippreżenta l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-appellata, u dan mingħajr ma ttenta jispeċifika r-raġuni għal dan. L-appellant imkien ma spjega għal liema raġuni deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Jannar, 2022, li ordnatlu jħalli l-pajjiż, ġiet appellata fit-12 ta' April, 2022, u dan meta l-import ta' din id-deċiżjoni kien wieħed li ser iħalli impatt serju fuq ħajjet l-appellant u l-familja tiegħu. Il-Qorti tfakkar li t-termini li fihom iridu jsiru appelli huma termini perentorji u ta' ordni pubbliku, u għalhekk għandhom jiġu osservati, sakemm ma jkunx hemm xi raġuni għalfejn il-Qorti jkollha għalfejn tikkonkludi li l-appellant ma jkunx ġie notifikat jew ma jkunx ġie notifikat fid-data indikata mill-appellata. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra għajr li tiddikjara li l-appell intavolat mill-appellant quddiem il-Bord kien *fuori termine,* u tqis li għalhekk il-Bord kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |